Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 124 / 2014

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Portelli)

vs

**Antoine Monsigneur**

u

**Ramona Vassallo**

Illum, 1 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Antoine Monsigneur iben Joseph, imwieled Pieta' , fit-12 ta' Jannar, 1971, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 49071 (M) u Ramona Vassallo bint Christino, imwielda Attard, fil-15 ta' Settembru, 1971, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 413371 (M), akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli gewwa il-Hamrun nhar it-23 ta' Settembru 2011, ghall-habta tas-7.00 ta' filghaxija:

1. Ikkomettew serq ta' aktar minn elf Ewro (€1,000) fi flus kontanti u mobile phone tal-ghamla Samsung minn gewwa fond ' St Joseph' , Triq Stocia, Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok u bil-valur li jeccedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix elfejn, tlitt mija u disgha u ghoxrin Ewo u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dang had-detriment ta' Rowena Garcia u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra u cioe ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta l-imsemmija Rowena Garcia hekk kif iccertifikat Dottoressa Valeria Vella Catalano M.D (Reg No 1931) tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana);

3. Fl-istess data, hin u lok, bla ordni skont il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil imsemmija Rowena Garcia kontra l-volonta' taghha;

**<u>Lil-Antoine Monsigneur wahdu talli:</u>**

4. Kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Magistrat Dott. Jacqueline Padovani Grima LL.D datata 12 ta' Dicembru 2008;

5. Irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi sar definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. Il-Qorti giet mibdula li f' kaz ta' htija titratta lil imputat Antoine Monsigneur talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta

mill-Magistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D fit-8 ta' April 2011, f' dan li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' tlitt elef Ewro (€3,000).

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Antoine Monsigneur u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' tlitt elef Ewro (€3,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lill-Ramona Vassallo wahida talli:**

7. Irrendiet ruhha recediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

8. Kissret il-provediment ta' sentenza ta' tlett (3) xhur prigunerija sospiza ghal-sentejn moghtija lilha fit-18 ta' Marzu 201 mill-Qorti tal-Magistrati Dott. Saviour Demicoli LL.D, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Marzu, 2014 fejn il-Qorti wara fir-rigward tal-imputat **Antoine Monsigneur,** ma sabitux hati tal-kwalifika tal-valur indikat f' imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u ma sabitux hati wkoll tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) u b' hekk illiberatu mill-imsemmija kwalfika u mill-imsemmija imputazzjoni, u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta' Novembru 2012 u senjatament Artikoli 49, 50, 214, 215, 221, 261 (a), 261 (e), 262 (1) (a), 269, 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Sabet lill-imputat Antoine Monsigneur hati tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq

kwalifikat bil-vjolenza u bil-lok **biss**] u tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tnejn (2), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru erbgha (4) ghazlet li ma titrattax mal-imputat mar-reati li taghhom kien inghata provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra li gew pruvati u li taghhom l-imputat instab hati u kkundannatu ghal perjodu ta' tlett (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija;

Fir-rigward tal-imputata **Ramona Vassallo,** ma sabithiex hatja tal-kwalifika tal-valur indikat f' imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u ma sabithiex hatja wkoll tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) u b' hekk illiberatha mill-imsemmija kwalifika u mill-imsemmija imputazzjoni, u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta' Novembru 2012 u senjatament Artikoli 28 B, 49, 50, 214, 215, 221, 261 (a), 261 (e), 262 (1) (a), 269 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Ramona Vassallo hatja tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) [cioé ta' serq kwalifikat bil-vjolenza u bil-lok **biss**] u tal-imputazzjonijiet mmarkati bin-numri tnejn (2), seba' (7) u tmienja (8) u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' tlitt (3) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghall-sentejn, ikkundannat lill-imputata ghal perijodu iehor ta' tlett (3) snin prigunerija, biex b' hekk l-imputata tkun giet globalment kundannata ghal perjodu ta' tlett (3) snin u tlett (3) xhur prigunerija.

Fir-rigward tal-imputat Antoine Monsigneur, il-Qorti m' ordnatx illi l-garanzija personali ta' tlett' elef Euro (€ 3000.00) jghaddu favur il-Gvern ta' Malta pero irrevokat l-helsien mill-arrest tieghu u ordnat l-arrest mill-gdid tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Antione Monsigneur u Ramona Vassallo minnhom pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2014 billi jigu ikkonfermanti fejn gew illiberati u jigu illiberati mill-akkuzi fejn instabu hatja u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ix-xhud principali Rowena Garcia kjarament ma kienitx qeghda tghid il-verita, l-ewwelnett ma spjegatx ghaliex fil-pouch kellha somma kbira ta' €800, Ms Garcia kienet dipendenti tad-droga u il-fatt li kisret subghaja mal-ligi dara wahda biss ma jfissirx li kienet qeghda tghid il-verita.

Fil-fatt xhud okkulari Edward Migneco ra l-glieda u mar biex iferraqhom. Fl-ebda hin ma ra l-appellanti b' xi pouch jew flus. Dan hu fatt importanti u m' ghandiex tkun skartata kif gib u lahaq.

Illi ghar-rigward il-piena, l-appellanti jirrelevaw illi kienu ghamlu s-sentenzi sospizi u jirrizervaw li waqt it-trattazzjoni jipprezentaw is-sentenzi li jindikaw dan.
Illi bla pregudizzju ghas-segwenti jqisu li l-piena tas-sentenza ta' sitt snin u nofs prigunerija mhix ekwa u gusta, kif se jigi trattat;

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti u cioe dik tal –appellant Antoine Monsigneur a fol. 361 u dik ta' Ramona Vassallo a fol. 389 ta' l-atti procceswali

Semghet it--trattazzjoni tal-partijiet u rat dik dattilografta maghmula quddiem din il–Qorti diversament preseduta nhar il-11 ta' Novembru, 2014.

Ikkunsidrat.

Illi fl-ewwel lok l-appellant qed isostni li l-ewwel Qorti ma ghalitx apprezzament tajjeb tal-atti u dan ghalix fil-fehma tieghu l-kwerelant Rowena Garcia ma kienitx qed tghid il-verit ghaliex ma spejgatx ghalfejn kellha is-somma ta' tmien mitt euro (€800) fil-pouch u peress li irrizulta li kisret dufrejha mal-ligi f'okkazjoni wahda biss ma ifissirx li kienet

qed tghid il-verita. Jghid ukoll li donnu l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Edward Migneco li ra l-glieda tant li mar iferraq u fl-ebda hin ma jghid li ra dan il-pouch. Fit-tieni aggravju l-appellanti isostni li kienu gja gew trattati ghas-sentenzi sospizi li gew rezi operattivi fil-konfront taghhom u li l-piena inflitta ta' sitt snin u nofs mhiex piena ekwa u gusta.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel, aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[1]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3] ; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u ohrajn.)

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju, 1994.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawza "**R. v. Cooper**[5]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.[6]"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta'

[5] ([1969] 1 QB 276)
[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta'Dicembru, 1994.

xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Issa mill-ezami akkurat u approfondit li ghamlet tal-provi din il-Qorti jirrizulta is-segwenti. Dan l-esercizzju din il-Qorti ghamlitu sabiex taccerta ruhha mill-esami li ghamlet l-ewwel Qorti b'mod partikolari sabiex taccerta ruhha li l-gudizzju taghha kien wiehed "*same and satisfactory.*"

L-**Ispettur Anthony Portelli** xehed nhar is-7 ta' Ottubru, 2011 u spjega li nhar it-23 ta' Settembru, 2011 il-pulizija tal-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun kienu gew mghajta biex jassistu fi Triq Atocja, Hamrun ghax kien hemm mara li kienet qed tigi imsawta. Il-pulizija maru fuq il-post u fost il-pulizija kien hemm PS 1185 Conrad Debbatista. Fuq il-post sab lil Rowena Garcia li deher li kellha xi feriti friski. Kienet agitata u stqarret li kienet ghada kemm giet misruqa minn certu Antoine Monsigneur mgharuf bhala David Monsigneur u dan waqt li kien fil-kumpanija ta' tfajla certu Ramona.

Spjegat li kien mar ghandha u wara li habbat fuq il-bieb taghha, ddahlitu flimkien ma din it-tfajla u allegat li waqt li kienu ghandha minn gol handbag taghha hadulha il-portmonaie u fih kellha is-somma ta' tmien mitt euro ( €800) f'puch oltre is-somma ta' bejn mitejn u hamsin euro (€250) u tlett mitt euro (€300)li kellha fil hand bag. Qalet li dawn kienu l-flus kollha li kellha u bihom kienet ser thallas il-kera, xi kontijiet tad-dawl u ilma u l-hajja. ( Pero prova dwar dawn il-kontijeit pendent fl-eba hin ma inghataw lil dan ix-xhud)

Spjegat li meta rat hekk ma qadidlux qadet tissara mieghu biex tohodlu l-pouch minn idu u dan beda isawwatha . F'hin minnhom tghid li waqghet ma l-art. Irnexxilha tiehu

l-pouch u wadbitu hdejn gara li inzertat barra dak il-hin certu Donatella Camilleri u meta marret hdejha bil-pouch David rega talabha biex twaddabulu u hekk ghamlet ghax bezghet minnu . Tghid li giet ukoll attakkata min Ramona li kienet fil-kumpanija ma David.

Il-Pulizija talbuha tmur ic centru tas-Sahha u marret il Furjana u hemmhekk giet ezaminata minn Dr Valerio Vella Catalano u dan ikkuraha ghal xi tbengil li kellha. Qal li l-ghada inghata struzzjonijiet mill-allura Supretendet Valletta biex jinvestiga l-kaz. Qal ukoll li dakinhar stess aktar kmieni Ramona Garcia kienet ghamlet rapport li xi hadd li ma gharfitx kien serqilha l-portmoni taghha li fih kellha tlettin euro ( €30) u curkett u gizirana ta' persuna ohra li kienu fuqha.

Huwa baghat ghal din Ramona staqsiha ghalfejn tmur fi Triq Atocia u din wiegbitu li ghalkemm tghix il Fgura mal-genituri taghha ghandha fond imsemmi 'St Joseph' hemmhekk u tmur titma zewgt iklieb. Spjegatlu ukoll li hemmhekk jghix il-boyfriend taghha u tmur tnaddaflu. Spjegat li taf lil David tramite l-gharus taghha Francois Ellul li dak iz-zmien kien il-habs. Qal li din Garcie spejgatlu li David mar ma Ramona ghandha u qalulha li riedu ikelmuha. Qaltilhom biex jidhlu gewwa u waqt li hi bdiet titkellem ma Rowena, Daivd mar hdejn il-basket taghha dahhal idu u hadilha l-pouch. Qallha biex ittih li kellha u sabiex ma titkellem xejn u li ma kien ser jigri xejn u skond ma qalet din Rowena inqala' dan l-incident. Din Rowena qaltlu li hija tefghet il-basket li hadet minghand David lil Donatella izda Donatella regghet tefghatu lura ghand David ghax bezghet minnu. Din Dontella ikkonfermat li rat lil David diehel ghand l-gara Rowena ma tfajla u johorgu wara xi nofs siegha u semghet il-litigar u ghajjat. Rat ukoll lil David ihabbat ras Rowena mal-hajt, mal-bieb u ma l-art u f'xi hin tefghetilha il-pouch u David mar hdejha u regghet tefghatu ghax bezghet minnu. Ikkonfermat li hadd ma assista lil din Rowena ghalkemm kien hemm xi hadd li ghajjat halluha.

Imbaghad baghat ghal David kif ukoll ghal Ramona. David qallu li kien mar hemmhekk biex ikellem lil Rowena u ighidilha biex la hi u lanqas is-siheb taghha

Francois Ellul ma kellhom ibigehu droga lil familjari tieghu. Qal li kien ra xi familjari tieghu jinqeda minghandha u kien mar ghas-sodisfazzjon.

Qal li verament kien ha l-pouch izda ma kienx fih flus izda kien hemm mizien digitali zghir li bih seta ikejjel affarijiet ta' piz zghir. Qal li kien hemm ukoll borza zghira b'xi 5 grammi kokajina. Qal li hu qatt ma dahal ghand Rowena u li vera l-pouch twaddab u meta twaddab minnu hareg mizien zghir u qallu li l-borza bid-droga ghosfrot ukoll. Qallu li kien irrikordja kollox fuq il-mobajl tieghu pero dan kien waqa' ma l-art u ma instabx.

Ix-xhud qallha li kellu dik il-versjoni ta' David u cioe li kienet qed tittraffika d-droga pero hija din cahditu u qalet li kieku ma kientix tmur ghand il-pulizija. Qal li waqt li David fl istqarrija tieghu jghid li ra ragel twil qed jinqeda minghand Rowena, Ramona fl-istqarrija taghha tghid li ma rat lil hadd. Qal li David qallu li ma kienx minnu li dahal ghand Rowena waqt li Ramona qaltlu li dahlu ghand Rowena u damu hemm xi nofs siegha u dan Rowena tikkonfermah. Ramona bdiet tghidlu li kienet hi li bdiet tiggieled ma Rowena pero Donatella tghid li kien David li beda jaggredixi lil Rowena kif del resto qalet Rowena stess . Staqsa lil Donatella jekk f'xi hin jekk il-pouch li twaddab infetahx u hija qalet li fl-ebda hin ma infetah. Ikkonferma li Rowena dehret li kienet qalat xi daqqiet u li kienet qed titlob l-assistenza tal-pulizija. Huwa pprezenta tlett stqarrijiet ta l-appellanti Ramona Vassallo li gew markati bhala dok AP 6 sa AP 8 rispettivament u stqarrija tal-appellant David Monsigneur markata bhala dok AP9. Huwa esebixxa ukoll faxikolu ta' ritratti mehuda minnn PS 863 Matthew Parnis fejn hemm tidher Garcia bid-divesi feriti friski fuq persuntha. Dawn ittihdu bhala *police work* nhar l-24 ta' Settembru, 2011.

Ikkonferma li l-feriti fuq Rowena kienu ta' natura hafifa u anke ha hsieb li jittihdu xi ritratti taghhom. Rowena qaltlu li Ramona u David kienet tafhom tramite Francois u marru ghandha biex jaraw kif kienet u biex ighidulha mohhok hemm ghax Francois

kien qieghed il-habs. Ikkonferma li s*earch* ghand David sar pero ir-rizultat kien wiehed negattiv.

Huwa pprezenta ic-certifikat mediku mahrug ,minn Dr Vella Catalano datat 23 ta' Settembru 2011[8] li gie markat bhala dok AP 10. Iprezenta ukoll l-kondotta ta' Rowena Garcia[9] li giet markata bhala dok AP 13. Ipprezenta ukoll kopja tal-*bail conditions*[10] tal-appellant Antoine Monsigneur datati 8 ta' April 2011 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja per Magistrat Dr Audrey Demicoli li gew markati dok AP 14 u kopja ta' kundizjonijiet ohra moghtija lilu mill-istess Qorti diversament preseduta minn Magistrat Dr Neville Camilleri datati 30 ta' Jannar, 2012[11].

**PS 1195 Conrad Debattista** xehed u spjega li nhar it-23 ta' Settembru, 2011 kien gie infurmat mill- Police Head Quarters li gewwa l-fond 50, triq Atocia, Hamrun kien hemm mara li giet aggredita u mhedda li kienu ser jghamlulha aktar feriti. Huwa mar fuq il-post fejn sab pulizija ohra madwar mara li irizulta li kienet Rowena Garcia. Din dehret ippanikjata , kellha xi griehi fuq wiccha u idejha u qaltlu li kienet giet aggredita gewwa darha. Spjegatlu li waqt li keinet go darha u qaltlu li habbat il-bieb u sabet zewg minn nies u cioe Monsigneur u t-tfajla tieghu Ramona. Mistoqsija kif tafhom tghid li l-gharus taghha Francois Ellul jafhom u gili iltaqghet maghhom. Qalet li dahlu ghandha u meta bdew ikelmuha Monsigneur qallha biex tpoggi bil-qeda u qallha biex ma tghajjatx u li kien ser johdilha l-flus. Qalet li beda ihezzizha, jaqbadha minn spallejha u jaghfas fuqha b'certu sahha. Hija bezghet staqsiha x'kellha flus u dak il-hin fetah il-*hand bag* taghha u kien hemm *wallet* u hadilha l-flus u qaltlu li kellha bhala flus xi elf euro ( €1,000). Qaltlu li in-nies ta' barra raw kollox. Huwa ghalhekk baghtha ic- centru tas-sahha u beda jitkellem mal-girien. Dawn qalulu li raw zewg minn nies ihabtu ghandha wiehed minnhom bit- toppu u l-ohra b'xagrha hamrani u hi dahlithom. Jafu li bdew jisimghu l-ghajjat u storbju. Wara li hargu rawha tohrog u tghajjat. A bazi ta' dawn id-

[8] Seduta tas-17 ta Ottubru 2011.
[9] Seduta tat-23 ta' Novembru 2011
[10] Seduta tat-30 ta' Jannar 2012.
[11] Fol. 232 Vol II.

dettalji huwa tellaghlha ritratti ta' David Monsigneur u Ramona Vassallo, l-apepllanti odjerni u minnufih gharfithom. Sadanitant Garcia gabitlu certifikat mediku minn Dr Vella Catalano bid-deskrizzjoni tal-griehi taghha li kienu ta' natura hafifa. Ikkonferma aukoll li dakinhar stess aktar kmieni f'xi hin wara anofs inhar din Garcia irraportat li xi hadd kien serqilha l-portmoni taghha li kellha f'idejha waqt li kienet mixja pero aktar dwar dan ir-rapport ma kienx jaf. Huwa pprezenta l-okkorenza relatata ma dan l-incident meta giet aggredita gewwa darha.

L-allegata vitma **Rowena Garcia**[12] xehdet u spjegat li nhar it-23 ta Settembru, 2011 waqt li kienet id-dar il Hamrun marru ghandha David Monsigneur u t-tfajla tieghu , u cioe iz-zewg akkuzati illum appellanti li gharfet fl-Awla. Spjegat li kien habbat il-bieb u staqsiet '*min*' u qallha '*Mons, ha nkelmek*' . Fethet il-bieb u qallha li kellu l-gharusa tieghu mieghu u baqghu dehlin ghandha fil-kcina. Beda ikellimha u qallha biex tpoggi bil-qeda u talabha kollox filwaqt li gharafha li ma kienx ser jigri xejn . Bdiet mixja lura ghal mal-bieb u fethet il-lukkett u bdiet tghajjat ghall-pulizija. Qallha biex tidhol izda ma dahlitx imbaghad harget barra . Imbaghad hareg u marret tigri warajhom ghax David kellu l-handbag taghha f idu. Tghid li kellu pouch blu taghha. Bdiet tissara mieghu biex tiehdu u irnexxilha u prova ighallaqha u ghalhekk kellha titilqu minn idha.

Mistoqsi jekk David kienx jafha tghid li kien jaf lill-gharus taghha Francois Ellul u gili mar id-dar ghandhom . Lil Ramona tafha biss min nwiccha pero qat ma kienet kelmitha qabel.

Spjegat li l-handbag li kellu flus, cwievet u mobile tagha kellu ukoll puch go fih. Qalet li l-handbag spicca f'id Ramona u l-pouch f'idejn David . Hija irnexxila tiehu lura l-puch. F'dan il-pouch tghid li kellha s-somma ta' tmien mitt euro (€800). Pero hadulha ukoll is-somma ta mitejn u hamsin euro ( €250) li kien fiz-zip tal-hand bag.

Spjegat li meta David imbuttaha waqghet fuq Donatella l-gara taghha , dak il-hin waqa' l-pouch minn idu u talabha taghtihulu u din garatulu u qabzet fuqu.

---

[12] Seduta ta' nhar is-17 ta' Ottubru, 2011 fol. 111

Apparti li serqulha l flus tghid li bid-daqqiet li qalghet ma felhtix timxi. Qalet li kellha gifiet I arum inn Ramona u daqqiet li ghamillha David anke f'ghajnejha. Qalet li r-ritratti li hemm fl-atti gew mehuda id-depot u tikkonferma li huma taghha u kkonfemat li marret ukol ic-centru tas-sahha ta Furjana.

Spjegat li dakinhar filghodu kienet mixja fl-istess Triq Atocia u kien hemm xi hadd li ghadda min hdejha u hadilha il-portmonaie min taht dirajha. Mistoqsija jek tahdimx wiegbet li tahdem ma ommha fit-take away. Mistoqsija xi tmur tghemel il Hamrun wiegbet I tmur tgahel il kleib u titkellem mal-girien. Mistqosija jekk ghadnhie xMercedes wiegbet li lanqas rota ma ghandha u licenzja m'ghandhiex. Tghid li mhux vera li David kien ilu sen aimur ghandha u fil-fatt tghid li l-post kien ilu mikri ghandhom ghal zmien erbgha xhur biss.

**PS 8 Stephen Bezzina** xehed[13] u spjega li l-ghada tal-incident u cioe fl-24 ta' Settembru, 2011 kien baghat ghal vitma Rowena Garcia wara li kienet giet imsawta u misruqa u din irrilaxjat stqarrija u indikatilhom min kienu il-persuni li aggreduwha. Qaltlu ukoll lil min seghu jghajtu bhala xhieda biex jghinuhom fl-investigazzjoni. Jaf li fil-fatt kienu kelmu lil Donatella Camilleri ,gara taghha. Qal li kien mar jarresta lill-akkuzati fid-dar taghhom ix- Xemxija skond l-ordni moghtija lilu. .

**Dr Valerio Vella Catalano** [14]gie muri ic-cerrtifikat mediku rilaxxjat minnu nhar it-23 ta Setembru 2011 u kkonferma il-kontenut tieghu .Gie muri ukol ir-ritratti esebiti fl-atti u kkonferma li dawk kienu ir-ritratti tal-persuna li huwa ezamina.

**PS 826 Matthew Parnis**[15] gie muri ir-ritratti esebiti fl-atti a fol. 65 u kkonferma li dawk gew mehuda minnu bhala parti mill-*police work* u kkonferma li kien ghaddihom lil-ispettur Robert Vella.

---

[13] Seduta nhar it-23 ta' Novembru, 2011.
[14] Seduta nhar it-15 ta' Dicembru, 2011.
[15] Seduta nhar it-15 ta' Dicembru, 2011.

Rat ir-rapport maghmul mill-Psikjatra **Dr Ethel Felice** rigward l-istat mentali ta' Donatella Camilleri u dan gie markat bhala dok EF1[16] u kkonfermat li mill-ezami li hija zammet maghha li kien wiehed fit-tul ma rrizultalhiex li in effetti Camilleri kellha xi difetti la fil-memorja u lanqas fil-hsieb u lanqas fl-imgieba taghha izda dehret bezghana u anzjuza fl-emozjonijiet taghha. Minkejja dan kkonfermat li kienet ghamlet zmien twil taht il kura ta' Dr David Cassar tigi trattata ghal kura ta schiziophrenia u ghalhekk kienet tal-opinjoni li Camilleri ma kellhiex ghalfejn terga tigi imharka bhala xhud.

**Edward Migneco** xehed[17] u spjega li ghandu garage fi Triq Atocia, Hamrun u jiftakar li f'xi jum partikolari fix-xahar ta' Settembru, 2011 kien mar hemmhekk f'xi hin fil-ghaxija biex johrog il-karozza mill-garage u jiftakar li kien hemm glieda. Qal li mar jifridhom u lir-ragel qallu biex jibqa' niezel 'l isfel waqt li lil mara qallha biex toqghod bil-qeda. Mistoqsi jekk jafx lil mara jghid li ma jafhiex pero jaf li kienet qed tghix hemm. Muri ir-ritratti li jibdew a fol. 64 u jghid li ir-ritratt esebit huwa dak tal-mara li irrefera ghaliha hu fix-xhieda tieghu. Qal li x'hin wasal hu kienu imqabdin flimkien qishom ser jaqghu ma l-art. Qal li kien hemm neis ohra izda hadd ma ghamel xejn.

**L-Ispettur Anthony Portelli** ipprezenta sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru, 2004 fil-konfront tal-akkuzata Ramona Vassallo fejn kienet instabet hatja tal-akkuza ta' serq u giet kkundannata sitt xhur prigunerija. Din is-sentenza giet kkonfermata mill-allura **Spettur Angelo Caruana**[18] fejn kkonferma li kien l-ufficcjal prosekutur f'dawk il-proceduri tas-sentenza u gharaf lill-akkuzata odjerna bhala l-istess Ramona Vassallo kontra min inghatat is-sentenza.

Rat is-sentenza esebita mill-Ispettur fl-atti a fol. 127 markat bhala dok AP12 fejn jidher mill-konnotati tas-sentenza li l-persuna illiberat f'dik is-sentenza ghandha l-istess konnotati tal-akkuzat appellant David Monsigneur fejn inghatat Ordni ta' Probabtion.

Rat it-trattazzjoni traskritta fl-atti a fol. 332 maghmula minn Dr Mark Cutajar.

---

[16] Seduta nhar it-12 ta' Marzu, 2012 fol. 267.
[17] Seduta tas-7 ta Mejju 2012 fol. 285.
[18] Seduta tas-7 ta Mejju 2012.

Rat li l-appellanti kienu irrilaxxjaw stqarrijiet bid-debita kawtela ghad-drittijiet taghhom.

Fl-istqarrija taghha[19] **Ramona Vassallo** tikkonferma li ghandha relazzjoni mal-ko akkuzat . Mitoqsija jekk hux minnu dak li stqarret Rowena dwarha li serqetilha is-somma ta' elf euro ( €1,000) u mobile tghid li mhux veru izda tghid li David hadilha mizien u borza bid-droga u qallha li kien sejjer l-ghassa bihom. Qalet li marru ghandha ghaliex kienet bieghet id-droga lil xi hadd li jigi minn David. Tghid li Rowena marret taggrediha u hi wiegbet billi aggreditha ukoll. Tghid li d-daqqiet tathomlha hi pero taf li David kellu xi grif m'ghonqu u ghamlithomlu hi. Mistoqsija jekk marrux jghamlu xi certifikat mediku tghid le . Mistoqsija x'ghamlu bil-borza tad-droga jghid li infaqqghet quddiem il-bieb taghha. Waqt li l-mizien kien iswed gewwa *pouch* inkiser f'zewg bicciet. Mistoqsija jekk veru David kienx qed jirrekordja dak li kien ghaddej tghid le u lanqas kellhom biex jirrekordjaw kieku ridu. Tutto cio pero qal li jiddispjaciha ta' dak li gara.

Fit-tieni stqarrija taghha[20] tghid li kien hu David certu Cody li kien xtara d-droga minghandha, ghalkemm tghid li anke hi gili xtrat minghandha. Fit-tielet stqarrija markata bhala dok AP8[21] u mistqosija jekk osservatx xi haga partikolari hija u sejra ghand Rowena ma David tghid li le nies mal-bieb ma ratx, bieb maghluq rat. Qalet li fid-dar ta' Rowena fil-kcina ma damux aktar min hames minuti. Tghid li David ghamel ghaliha minhabba li bieghhet droga lil huh u qallha li kien sejjer jirraportaha l-ghassa. Regghet tenniet li kienet hi li bdiet issawwat lil Rowena ghaliex David kien barra bil-bail.

**David Monsigneur** fl-istqarrija tieghu[22] jghid li mhux veru dahal ghand Rowena u li serqilha xi flus u mobile u jghid li kieku dahal hadd ma kien jinduna li ikun hadhom . Qal li kien mar ikellimha biex ighidilha biex ma tbieghx droga lil min jigi minu. Dak in-nhar meta kien sejjer ghandha ra xi hadd li kien qed jinqeda u meta wasal ma genbhom

[19] Dok AP 6 fol. 88
[20] Dok AP 7 fol. 90
[21] Dok AP 8 fol. 91
[22] Dok AP 9 fol. 92

telaq jigri ‘l hemm. Dan kellu xaghru catt, naqra itwal minu u irqiq. Qal li hatfilha il-borza tal- kokaina u l- mizien u regghet hatfithomlu lura u qabel ma ghamel hekk jghid li hatfitu minn ghonqa u Ramona dak il-hin qabzet taghtiha . Qal li dak il-hin beda jirrekordja lilha fuq il-mobile phone tieghu 79830949. Qal li ra nies dehlin u hergin mid-dar taghha ukll. Qal li ra persuna li toqghod faccata taghha u wadbilha l- mizien u din regghet tefghatu gewwa, rega qabdu u dan infetah fi tnejn. Qal li Ramona u Rowena gew fl-idejn imbaghad indahlu l-girien u huwa qala lil Rowena min mat-tfajla u dak il-hin waqghet il-borza bil-kokajina u l-mobile phone tieghu u ma regax rahom. Qal li Rowena tkun bil-Mercedes tbiegh il-kokaina wara l-bieb u lest li jixhed dwar dan it-taffikar. Mistoqsi min kien il-pesuna li inqdiet minghandha jghid li keinet Rowena stess u dan jafu ghaliex ra l –pakkett f’idha. Pero jghid li ma marx l-ghassa jirraporta ghaliex ma jafdax lill-pulizija tad-distret u mistoqsi ghax ma marx id-depot jghid li ma gietux f’mohhu.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi ma hemmx dubbju li f’din il-kawza il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet ta’ dak li gara u cioe dak allegat mill-proskuzzjoni tramite ix-xhieda taghha u cioe il-vitma Rowena Garia u sa certu punt korroborata mill-gara taghha Donatella Camilleri u f’certu punti ukoll mill-akkuzati ukoll. Qed jinghad li l-prosekuzzjoni qed tallega li nhar it-23 ta’ Settembru, 2011 ghall-habta tas-6.15 l-akkuzati marru ghand Rowena Garcia, habtulha il-bieb din fethet dahlu gewwa u serqulha l handbag u pouch li kien go fih u b’hekk hadulha s-somma ta’ elf euro ( €1,000) . Il-prosekuzjoni tallega ukoll liwaqt li ghamlu hekk Rowena Garcia giet aggredita u feruta u dan kif certifikat minn Dr Vella Catalano u kif murija fir-ritratti mehuda minn PS 826 Matthew Parnis bhala *Police work.*

Min naha l- ohra l-akkuzati qed ighidu li huma marru ghand Rowena Garcia ghlaliex din kienet qed tispaccja id-droga u anke kienet allegatament bieghet lil hu David certu Cody pero wara David ighid li in effetti kienet bieghet lill ko akkuzata Ramona Vassallo. David jghid li fl-ebda hin ma dahlu ghandha izda kelmuha mit-triq waqt li

Ramona tghid li dahlu ghanda fil-kcina. L-akkuzati jghidu li fil- basket kellha mizien u meta dan il-basket intefa lejn il gara Donatella u din wadbitu lura il- mizien waqa' u spicca f'zewg bicciet u mieghu waqghet borza ta' 5 grammi kokajina pero dawn ma instabux – ghosfru. David jghid li kien irrekordja dan l-incident bil-mobile tieghu pero Ramona tghid li dan ma kienx possibli ghaliex armar ghar- recording ma kellhomx fuqhom.

Ghalhekk din il-Qorti trid tara liema miz-zewg versjonijiet tal-fatti hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi u liema ghandha iktar mis-sewwa u dan sabiex tasal biex tara jekk l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti kienx wiehed *'safe and satisfactory'* .

Illi meta Qorti tiġi biex teżamina ix-xhieda, trid teżaminahhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe:

637. *L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*

Illi meta wieħed jiehu in konsiderazzjoni ta' rekwiżiti li jirrikjedi xhud ai termini talArtikolu 637 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed jinnota illi Ramona Vassallo u Antoine sive David Mosnsigneuer żgur li ma jissodisfawx il-kriterju ta' xhieda konsisteni.

Għalkemm il-ġurisprudenza f' dan ir-rigward hija waħda kopjuża, se jiġi ċitat każ illi jispjega ċar, meta l-Qorti tal-Appell għandha tissindika d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Noel Buhagiar**[23], il-Qorti spjegat hekk:

[23] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) nhar l-għaxra (10) t' April 2008.

*Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem ġie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w lġudizzju tagħha għal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rriżultawlha setgħetx tasal għaliha fuq bażi ta' liġi w ta' raġjonevolezza. Fi kliem ieħor tara jekk dik il-konklużjoni kienetx wħhda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-riżultanzi*

Dwar l-akkuza principali tas-serq ma hemmx dubbju li gie pruvat li l-akkuzati u dan ghaliex jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Rowena Garcia kif ukoll minn dik ta' Donatella Camilleri u sa certu punt mill-akkuzati stess li l-akkuzati appellanti dahlu fil-fond St Joseph, Triq Atocia, Hamrun nhar it-23 ta' Settembru ,2011. Jirrizulta li hadu handbag ghalkemm l-kwerelant tghid li fih kien hemm elf euro ( €1,000) circa sabeix thalls xi kontijeit li kellha pendent l-akkuzati jghidu li kien hemm mizien li waqa' mill-basket meta kien f'idejn il-gara Donatella pero din Donatella fl-ebda hin ma qalet li rat mizien. Illi pero il-provi prodotti mill-kwerelanti dwar il-quantum tal-flus li kein hemm fil-basket ma humiex sodisfacenti u danghlaeix ma esqet l-ebd aprova dwarhom per esemoju kopja tal-kontijiet li tghid li kellha thallas ghalhekk l-ewwel Qorti kelha ragun isisb lill-akkuzati hatja ta' serq aggravat bil-lok stante li l-fond hi r- residenza ta' Rowena Garcia u bil-vjolenza stante li kienu zewg min nies li dahlu ghandha. L-aggravju tal-valur ma jirrizultax.

Dwar it-tieni akkzua ucioe dik ta kagunar ta feriti hfief jinghad li dawn gew provati b'mod sodisfacenti. L-kwerealnti tghid li keinu iz-ewg akkzuati li aggredewha u kkagunawlha il-feriti kif dekritti minn Dr vella Catalano u kif murija fir-ritratti esebiti fl-atti. Jirrizulta ukoll mix-xhieda ta Donatella Camilleri u mix-xhud Migneco li ra iz-zewg nisa f'xulxin tant li hass li kellu imur iferraq. Kif anke qal li ghamel l-akkuzat Monsigneur. Din l-akkuza kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwl Qorti tirrizulta provata sodisfacentement

Dwar ir- raba' akkuza u cioe li l-akkuzat Antoine Monsigneur kiser il –provediment ta' l-artikolu 7 tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qort tal-Magistrtai(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-12 ta' Dicembru 2012 jinghad li din is-entenza tinsab esebita fl-atti u mrkata bhala dok AP 12 . Innotat li l-konnotati tal-akkuzat Monsignuer fl-akkuzi odjerni u f'dik is-sentenza huma identici. B'hekk din l-akkuzia hija provata b'mod sodifacenti

Dwar il-hames akkuza u cioe li l-akkuzat Monsignuer irrenda ruhu recidiv taht l-artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Mata kuntrarajemant ghal dak li osservat l-ewwel Qorrti ma jirrizultax li l-appellant hu fil-fatt recidiv. Jirrizulta mill-atti li hemm sentenza esebita u cioe dik apena imsemmija u markata bhala dok AP 12 pero jinghad li f'dik is-sentenza l-akkuzat inghata Ordni ta' Probabtion u ghalhekk din ma tiqiesx bhala piena u konsegwentement a bazi taghha ma jistax jigi pruvat l-akkuza tar-recidiva. In oltre dak li stqarret l-ewwel Qorti li mill-fedna penali tal-akkzuat Monsigneur jirizulta li huwa recidiv ukoll ma isibx widen ma din il-Qorti stante li r-recidiva hija akkuza *ut sic* u l-elementi taghha iridu jigu pruvati ukoll. Fil-fatt r-recidiva hija akkuza u reat *per se*, separata u distina minn kwalunkwe akkuza jew akkuzi ohra taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali jirrikjedu certi kondizzjonijiet u elementi li jridu jigu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wiehed jista jigi liberat minn akkuza ta' recidiva.

L-effetti tar-recidiva ma huwiex li l-istess persuna qed tigi punita darbtejn fuq xi reat antecedenti li fuqu tkun gia giet moghtija piena, izda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tigi punita ghal fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tigi punita ghal istess fatt, izda ghal ewwel darba u bla precedenti.

Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza ta' recidivita` hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita.` L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja anke li tal volta jkun hemm l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.

Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.

Minkejja li intqal dan kollu dwar ir-recidiva , il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, **pero l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti;** tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva. Fil-Kawza odjerna ma sar xejn minn dan minkejja li l-fedina penali tal-akkuzat hija wahda verament voluminuza. Ghalhekk din l-akkuza tar rcidivva ma tirrizultax provata.

Fir-rigward tal-akkuza tar-recidiva fil-konfront tal-akkuzata Ramona Vassallo jinghad li fl-atti hemm esebita is-sentenza moghtija a fol. 126 markata bhal dok AP11 fejn kienet instabet hatja tal-akkuza ta' serq fid-19 ta' Ottubru 2004 u kkundannata ghal sitt xhur prigunerija. Jidher li f'din is-sentenza il-konnotati tal-akkzuata odjerna huma l-istess bhal dawk li jidhru fuq din is-sentenza dok AP 11 apparti l-fatt li xehed l-ispettur Angelo Caruana li kkonferma l-identita tal-akkuzat fir- rigward ta' din l-istess sentenza u ghalhekk din ir-raba' imputazzjoni tirrizulta provata sodisfacentement kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti. Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun li sabet lill-akkuzata Ramona Vassallo hatja tal-akkuza ta' recidiva.

Fir-rigward tal-akkuza fil-konfront tal-appellanti Ramona Vassallo li kisret il-provvediment ta' sentenza sospiza jirrizulta li fl-atti hemm sentenza markata bhal dok MSA 1 a fol. 265 moghtija nhar it-18 ta' Marzu ,2010 fejn instabet hatja talli saqet vettura

minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr ma kellha polza ta′ sigurta u inghatat sentenza ta′ prigunerija ta tlett xhur sospizi ghal sentejn u ghalhekk meta ikkomettiet l-akkuz odjerna ta′ serq aggravat nhar it-23 ta′ Settembru 2011 din is-sentenza sospiza kienet ghada ma ghadditx u ghalhekk din l-akkuza tirrizulta ukoll.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir rigwad tal-akkuzi kollha fejn sabet lill-akkuzati hatja salv ghall-akkuza ta′ recidivita fil-konfront ta′ Antoine sive David Monsigneur minn liema akkuza qed tilliberah u tikkonfermaha f′dik il-parti fejn sabet lill-akkuzati mhux hatja tal-aggavju tal-valur u illiberathom minn tali aggravju. Ghalhekk fil-konfront tal-akkuzat Antoine sive David Monsigneur ser ikun hemm temperament fil-piena imposta statne li mhux qed tikkonferma dik il-parti ts-sentenza fejn sabitu hati talli huwa recidiv u ghalhekk sejra tnaqqas il-piena ta′ prigunerija inflitta ghal minn tlett snin u sitt xhur ghal tlett snin prigunerija. Stante l-fedina penali voluminuza tal-appellant il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja efettiva hija l-piena idoneja.

Fir rigward tal-akkuzata Ramona Vasallo din il-Qorti qed tikkonferma is-sentenza appellata *in toto* kemm fir rigward tal akkuzi fejn sabitha hatja kif ukoll fir- rigward tal-aaggravju tal -valur fejn ma sabithiex hatja u illiberata minnha u ghalhekk qeda iggib fis-sehh is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Krimianli datata 18 ta Marzu 2010 fejn giet ikkundannata it- tlett xhur prigunerija u qeda tikkonferma il-piena inflitta mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-piena imposta minnha u cioe l-piena ta′ tlett snin prigunerija u qeda tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberata mill-aggravju tal-valur fl-akkuza tas-serq.

Il-Qorti qeda tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti fejn ma ordnatx li l-ammont ta′ tlett elef euro (€3,000) moghtija favur il-Gvern ta′ Malta ma jghaddux lejn il-Gvern ta′ Malta stante li appell minn din il-parti tad-decisjoni ma kienx hemm mill-Avukat Generali u tikkonferma l-arrest mill-gdid tal-appellant Antoine

Monsigneur in vista tal-fatt li intab hati talli ikkommetta reat waqt li huwa kin ghaddej proceduri kriminali u kien qieghed barra jibbenefika mill-helsien mill-arrest.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur